

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar roaming fuq netwerks pubbliċi ta’ komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni (Riformulazzjoni)”

COM(2011) 402 finali — 2011/0187 (COD)

(2012/C 24/29)

Relatur: **is-Sur HENCKS**

Nhar it-22 ta’ Lulju 2011, il-Kunsill iddeċieda, b’konformità mal-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonalement tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar roaming fuq netwerks pubbliċi ta’ komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni (Riformulazzjoni)

COM(2011) 402 finali – 2011/0187 (COD).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura, u s-Soċjetà tal-Informazzjoni, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar is- 7 ta’ Ottubru 2011.

Matul l-475 sessjoni plenarja tiegħu li saret nhar is-26 u s-27 ta’ Ottubru 2011 (seduta tas-26 ta’ Ottubru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b’150 vot favur u 4 astensionijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkmandazzjonijiet

1.1 Ir-regolament (KE) nru. 717/2007 li jistabbilixxi l-limiti massimi għat-tariffi tas-suq bl-ingrossa u bl-imnūtar tar-roaming fil-komunikazzjoni mobbli ser jiskadi fit-30 ta’ Ġunju 2012 mingħajr ma żviluppa kompetizzjoni b’saħħitha jew naqqas il-prezzijiet eċċessivi li l-utenti jkollhom iħallsu.

1.2 Għalhekk hemm bżonn ta’ miżuri ġodda mill-UE jekk din trid tilħaq l-għan li stabbiliet fil-qafas tal-istratxgħiġi diġitali tagħha għall-Ewropa, li kważi ma jkun hemm l-ebda differenza bejn it-tariffi tar-roaming u dawk nazzjonali sal-2015.

1.3 Il-KESE japprova l-miżuri l-ġodda li jqis proporzjonati u adatti biex tiġi għgarantita d-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà ta’ servizz ta’ interress ekonomiku ġenerali bi prezziżżejjet li jintlaħqu. It-tnaqqis il-ġdid propost fil-limiti massimi tat-tariffi huwa fid-direzzjoni t-tajba, jiġifieri dik tat-tnejħha fuq perjodu medju ta’ kull formu ta’ prezzi speċifiku għar-roaming.

1.4 Fil-prinċipju, il-KESE jaqbel ukoll mad-dispożizzjoni li tippermetti li l-klijenti jkollhom aċċess ħieles għas-servizzi tar-roaming għas-sejħiet, l-SMSs u d-data minn kwalunkwe operatur alternativ tar-roaming interkonness.

1.5 Mandakollu, il-KESE huwa diżappuntat li l-proposta tal-Kummissjoni m’għandiekk magħha studju tal-impatt tal-miżuri l-ġodda fuq l-impjieg u l-kundizzjonijiet tax-xogħol fis-settur.

1.6 Rigward it-tul tas-sejħiet li jsiru minn barra l-pajjiż, il-KESE jitlob li jonqos il-limitu tal-ewwel parti tat-tariffa li hija fissa, u li bħalissa tkompri 30 sekonda, billi jitiqiesu l-iż-żviluppi fil-qasam b’xi Stati Membri.

2. Sfond

2.1 Mill-2005, it-taqqis fil-prezzijiet tar-roaming fil-komunikazzjoni mobbli tal-klijenti li jkunu qed jivvja għaw fl-Unjoni Ewropea kien parti mill-politika tal-komunikazzjoni elettroniċi u tal-industria tal-UE.

2.2 Peress li l-appelli repetuti tal-Kummissjoni, li stiednet lill-operaturi jraħħsu t-tariffi eċċessivi tagħhom tar-roaming fil-komunikazzjoni mobbli, baqgħu ma ntaqghux, l-UE ddeċi-diet li taġixxi billi tirregola l-prezzijiet.

2.3 Mill-1 ta’ Settembur 2007, l-UE daħħlet limitu massimu fit-tariffi fil-minuta (ewrotariffa) għas-sejħiet biċċ-ċellulari li jużaw ir-roaming (suq bl-ingrossa u bl-imnūtar) permezz tar-Regolament (KE) nru. 717/2007, u b'hekk ir-roħs wasal sa 0.03 euro fis-sena sal-2010.

2.4 Minkejja l-fatt li l-ewrotariffa ġiet stabilita b'mod li tippermetti biżżejjed spazju taħt il-livell massimu ammissibbli għal kompetizzjoni b'saħħitha bejn l-operaturi, il-Kummissjoni kellha tinnota li b'mod ġenerali l-prezz medju li żammew miegħu l-operaturi ma niżlk wi sq taħt il-livelli massimi stabiliti mir-regolamenti.

2.5 F'dawn il-kundizzjonijiet, ir-Regolament (KE) nru. 717/2007 ġie estiż sat-30 ta’ Ġunju 2012, filwaqt li kompla jitbaxxa l-prezz massimu tas-sejħiet b'ritmu annwali. Fl-istess waqt, iddaħħal limitu massimu għat-tariffi tal-SMSs (bl-ingrossa u bl-imnūtar) u l-prezzijiet bl-ingrossa għat-trażmissjoni tad-data permezz tar-roaming, filwaqt li l-prezzijiet bl-imnūtar ta’ din it-trażmissjoni tad-data ma’ ġewx irregolati.

2.6 Barra minn hekk, biex jiġi evitat li l-konsumaturi jkollhom “spejjeż moħbija”, mill-1 ta’ Lulju 2009, huma jħallu tariffa bis-sekondi wara 30 sekondi għas-sejħiet li jagħmlu, u tariffa bis-sekondi għat-tariffa l-konsumaturi jkollhom “spejjeż moħbija”, mill-1 ta’ Lulju 2009, huma jħallu tariffa bis-sekondi wara 30 sekondi għas-sejħiet li jagħmlu.

3. Il-proposta l-ġdida tal-Kummissjoni

3.1 Peress li r-Regolament (KE) nru. 717/2007 ser jiskadi fit-30 ta' Ġunju 2012, u peress li r-rapport tal-Kummissjoni dwar l-iżvilupp tas-suq tas-servizzi bir-roaming innota li t-tariffi (barra minn rati fissi speċjal) ma nbidlux biżżejjed biex jiġi garantit li l-klienti mhux qed iħallsu prezzi għoli żżejjed meta mqabbel mat-tariffi nazzjonali li qed jikkompetu magħhom, il-Kummissjoni għadha kif nediet proposta ġdida li temenda r-regolament ikkonċernat.

3.2 Flimkien mar-roħs sustanzjali ġdid fil-limiti massimi tat-tariffi sal-2016 jew l-2022, il-proposta l-ġdida għal regolament fiha wkoll miżuri strutturali, fosthom:

- id-distakk tas-servizz tar-roaming mis-servizz nazzjonali, biex l-abbonati jkunu jistgħu jagħżlu operaturi oħra għas-servizz tar-roaming (sejħiet, SMSs, data) filwaqt li jżommu n-numru tagħhom;
- l-obbligu li l-operaturi tan-netwerks jagħtu aċċess għal provista bl-ingrossa tas-servizzi tar-roaming.

3.3 Rigward id-dispożizzjonijiet dwar il-prezzijiet, il-Kummissjoni tiproponi li ttawwal l-iskadenza tar-Regolament (KE) nru. 717/2007 b'10 snin, jiġifieri sat 30 ta' Ġunju 2022 bit-tama li r-riformi strutturali jkunu jistgħu jkollhom effett.

3.4 Għall-prezzijiet bl-imnut, il-limiti massimi tat-tariffi għandhom jaapplikaw sat-30 ta' Ġunju 2016, filwaqt li għall-prezzijiet bl-ingrossa, il-prezzijiet massimi għandhom jinżammu tul il-perjodu kollu tar-regolament, sakemm il-kompetizzjoni ma tkunx żviluppat biżżejjed fi żmien iqṣar.

3.5 Il-prezzijiet tas-servizz tad-data bir-roaming fil-livell tal-imnut, li s'issa huwa l-uniku wieħed li muhuwiex regolat, għadhom eċċessivi u xi drabi huma seba' darbiet il-prezz bl-ingrossa.

3.6 Hija ppjanata miżura regolamentarja biex il-prezzijiet bl-imnut tas-servizzi tad-data kull kilo-octet jonqsu b'mod progresiv sal-2014. Minn Lulju 2014 sa Lulju 2016 il-limiti fit-tariffi ser jibqgħu stabbli, qabel ma jitneħħew għal kollo, sakemm l-evidenza ta' kompetizzjoni b'saħħitha ma tippermettix li jitneħħew qabel.

3.7 Għas-servizzi tad-data bl-ingrossa it-tariffi massimi ser jorħsu kull sena sat-30 ta' Ġunju 2015, u wara jibqgħu fl-istess livell sakemm jiskadi r-regolament il-ġdid (fil-pjan, fl-2022).

4. Kummenti ġenerali

4.1 Il-ħtieġa li jiġu regolati l-problemi marbutin mar-roaming biex is-suq uniku jsir reallta hija parti mill-qafas tal-Istrateġija Ewropa 2020, daqs l-Att dwar is-Suq Uniku u l-Istrateġija Digidali għall-Ewropa.

4.2 Il-KESE jfakkar li l-mezzi ta' komunikazzjoni elettronika huma servizz ta' interessa ekonomiku ġenerali li, fid-definizzjoni tiegħi, irid ikun disponibbli għal kulħadd u aċċessibbli bi prezziżi li jintlaħqu.

4.3 Għaldaqstant, il-KESE japprova l-miżuri kollha li għandhom l-ġhan li jevitaw li l-konsumaturi jħallsu prezziżiċċi meta jagħmlu jew jirċievu sejħiet bir-roaming. Barra minn hekk, il-KESE jitlob lill-Kummissjoni li tkun daqstant ieħor determinata li tieħu azzjoni rigward il-marġni ta' profit abbuż-żivili li l-operaturi jaapplikaw għal servizzi oħra ta' interessa ekonomiku ġenerali meta jkollhom pożżizzjoni dominanti.

4.4 Wieħed mill-elementi ewlenin tal-“Istrateġija Digidali għall-Ewropa” huwa s-servizz taċ-ċellulari bir-roaming li għalih il-mira hi li ma jkun hemm kważi l-ebda differenza bejn it-tariffi tar-roaming u dawk nazzjonali sal-2015, jiġifieri li fuq perjodu medju jitneħħew il-forom kollha ta' tariffej speċjal għar-roaming.

4.5 Madankollu dan il-ġhan iddiķjarat ma jidherx bħala dispożizzjoni formali fir-regolament li qed jiġi eżaminat. It-naqqis il-ġdid fil-limiti massimi tat-tariffi tar-roaming bil-kemm iħallu marġni bejn it-tariffi nazzjonali u dawk tar-roaming.

4.6 Anke jekk l-approċċ attwali li jiġi impost tnaqqis fuq it-tariffi permezz ta' limiti massimi fissi wassal għal roħs sustanzjali fil-prezzijiet (ara t-tabella hawn taħt, miġbura mill-KESE), bil-proposta li qed tiġi eżaminata, din il-miżura qed tmiss il-limiti tagħha u mhixiex sostenibbli.

	Sejħiet Euro/minuta VAT eskluż		SMS Euro/sms VAT eskluż		Data Euro/kg-octet VAT eskluż		
	Prezz bl-ingrossa	Prezzbl- imnut Sejħa magħmula	Prezz bl-ingrossa Sejħa rċevuta	Prezz bl-ingrossa	Prezz bl-imnut	Prezz bl-ingrossa	Prezz bl-imnut
prezz medju qabel l-1.9.2007		0,7692	0,417	—	—	—	—
Regolament (KE) nru. 717/2007							
prezz massimu 1.9.2007-31.8.2008	0,30	0,49	0,24	—	—	—	—
prezz massimu 1.9.2008-30.6.2009	0,28	0,46	0,22	—	—	—	—
prezz massimu 1.7.2009-30.6.2010	0,26	0,43	0,19	0,04	0,11	1,00	—

	Sejħiet Euro/minuta VAT eskuż			SMS Euro/sms VAT eskuż		Data Euro/kg-octet VAT eskuż	
	Prezz bl-ingrossa	Prezzbl- imnut Sejħa magħmula	Prezz bl-ingrossa Sejħa rċevuta	Prezz bl-ingrossa	Prezz bl-imnut	Prezz bl-ingrossa	Prezz bl-imnut
Regolament (KE) nru 580/2008							
prezz massimu 1.7.2010-30.6.2011	0,22	0,39	0,15	0,04	0,11	0,80	—
prezz massimu 1.7.2011-30.6.2012	0,18	0,35	0,11	0,04	0,11	0,50	—
prezz massimu 1.7.2012-30.6.2013	0,14	0,32	0,11	0,03	0,10	0,30	0,90
Proposta għal Regolament COM(2011) 402							
prezz massimu 1.7.2013-30.6.2014	0,10	0,28	0,10	0,03	0,10	0,20	0,70
prezz massimu 1.7.2014-30.6.2015	0,06	0,24	0,10	0,02	0,10	0,10	0,50
prezz massimu 1.7.2015-30.6.2016	0,06	0,24	0,10	0,02	0,10	0,10	0,50
prezz massimu 1.7.2016-30.6.2022	0,06	Tneħħija tal- prezz (*) massimu	Tneħħija tal- prezz (*) massimu	0,02	Tneħħija tal- Prezz (*) massimu	0,10	Tneħħija tal- Prezz (*) massimu

(*) bil-kundizzjoni li l-kompetizzjoni tkun żviluppat bizzarejed

4.7 It-tnaqqis tat-tariffi ma jippermettix li jissolvew il-problemi strutturali li għadhom jeżistu fis-suq tar-roaming. Għal din ir-raġuni, il-KESE jaaprova l-fatt li, flimkien mar-regoli dwar it-tariffi, il-proposta l-ġdidha ta' regolament fiha wkoll dispożizzjonijiet strutturali li, mill-1 ta' Lulju 2014, jobbligaw lill-operaturi fil-pajjiż tal-oriġini li jippermettu lill-klijenti tagħhom li jkollhom aċċess għas-servizzi tar-roaming minn operaturi oħra ta' servizzi interkonnessi għas-sejħiet, l-SMSs u d-data.

4.8 Jekk fil-prinċipju l-KESE jilqa' b'sodisfazzjon din id-dispożizzjoni, huwa xorta jibqa' mħasseb li din il-miżura ser twassal biex il-gruppi l-kbar b'pożizzjoni dominanti jiġibdu lejhom wisq klijenti għad-detriment tal-operaturi ż-żgħar, dan aktar u aktar peress li l-ispejjeż għall-implimentazzjoni teknika u kummerċjali tal-miżura proposta huma proporzjonalment għola minħabba l-ispejjeż fissi.

4.9 Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni li tqogħid attenta li minkejja l-parteċipazzjoni ta' atturi addizzjonalni fl-istabbiliment tal-komunikazzjoni mobbli, it-traspazenza għall-klijenti tibqa' għgarantita.

4.10 Anke jekk il-proposta tal-Kummissjoni li twessa' l-aċċess għas-suq tal-operaturi transnazzjonali tas-servizzi mobbli (Mobile Virtual Network Operators/MVNO) tista' tkompli tkabbar il-kompetitività, il-KESE jiddispjači li t-talba tal-2005 tal-Parlament Ewropew li jiġi eżaminat l-impatt tar-Regolament fuq l-operaturi ż-żgħar tat-telefonija mobbli fil-Komunità u fuq il-pożizzjoni tagħhom fis-suq kollu tar-roaming ma ġietx sodisfatta.

4.11 Fl-istess waqt, il-KESE jkollu jinnota li s-sinteżi tal-analiżi tal-impatt u "l-valutazzjoni tal-impatt" annessi mal-proposta li qed tiġi eżaminata ma joffru l-ebda indikazzjoni dwar ir-riperkuzzonijiet mistennija mill-miżuri l-għoddha fuq l-impieggi u/jew il-kundizzjoni tax-xogħol fis-settur. Il-KESE jitlob għalhekk li jsiru studji addizzjonalni.

4.12 Rigward it-tul tas-sejħiet li jsiru minn barra l-pajjiż, il-KESE jitlob li jonqos il-limitu tal-ewwel parti tat-tariffa li hija fissa, u li bħalissa tkompri 30 sekonda, billi jitiqiesu l-iżviluppi fil-qasam b'xi Stati Membri.

Brussell, 26 ta' Ottubru 2011.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċċali Ewropew
Staffan NILSSON